MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72 b'urġenza

**13 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg – Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary

(Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

**72.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

72.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

72.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva tliet ittri ta' apoloġiji, mingħand il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami li kien xogħol, is-Sur Mark George Abdilla li kien ma jiflaħx u s-Sur John Borg li kien imsiefer. L-apoloġiji ġew aċċettati u milqugħa.

**72.2 Jum Birkirkara**

72.2.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li rċevejna erba' nominazzjonijiet għal Ġieħ Birkirkara li kienu dik ta' Tonio Fenech, eks Sindku, Dun Vinċenz Cachia eks Prepostu, il-kantant Renato Micallef, u Sur John Borg li kien jieħu ħsieb Santa Liena u li ħalliena ftit ilu (se tingħata lill-mara tiegħu).

72.2.2 Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għal dawn in-nomini.

72.2.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li bi żvista insejna xi nies fil-laqgħa li għaddiet li jixirqilhom unur. Hi semmiet lil Marco Barbara li rebaħ Liquorish, Glenn Axiaq tal-billiard u Matthew Magro tal-bowling. Bħala apprezzamenti se nżidu d-Direttur tal-Gvern Lokali s-Sur Adrian Mifsud, lis-Sinjuri Tony Carbonaro u Chris Micallef tas-soċjetajiet tal-baned, u s-Sur Michael Cachia, librar. Dawn se jiżdiedu mal-lista li diġa' kienet għaddiet fil-laqgħa ta' qabel.

72.2.4 Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għal dawn l-ismijiet.

**72.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.10pm.

Konfermati, illum 7 ta' Diċembru 2017.

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv